GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR240435 | 18.03.2024 | 2 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker jirċievi żjara ta' korteżija mill-President tal-Parlament Ewropew***

Illum waranofsinhar, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia laqa' lill-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola fil-binja tal-Parlament.

L-Ispeaker Farrugia rringrazzja lill-President Metsola tal-ħidma li qed twettaq fit-tmexxija tal-Parlament Ewropew, u żied li jawgura li ż-żewġ parlamenti jaraw kif ikomplu jaħdmu aktar fil-qrib ma' xulxin, u dan favur it-tisħiħ tad-demokrazija.

Il-President Metsola qalet li l-Parlament Malti u dak Ewropew huma t-tnejn id-djar tal-Maltin u tal-Għawdxin, billi fit-tnejn li huma jittieħdu deċiżjonijiet maħsuba biex itejbu l-ħajja tan-nies. Kif qed tagħmel fiż-żjarat tagħha fl-ogħla istituzzjoni ta' kull pajjiż Ewropew, hija stiednet lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati biex flimkien mad-deputati jħeġġeġ aktar Maltin u Għawdxin jivvutaw fl-elezzjonijiet li ser jinżammu fl-Unjoni Ewropea 12-il ġimgħa oħra, fi proċess demokratiku importanti għall-istess Unjoni u ċ-ċittadini tagħha.

Matul il-laqgħa ż-żewġ dinjitarji tkellmu dwar diversi temi ta' importanza kurrenti, inklużi s-sofferenzi tal-popli involuti fil-gwerer fl-Ukraina u f'Gaża.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt

www.doi.gov.mt